Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell 425/2014

**Midsea Books Limited [C 3169]**

**Vs**

**Ramon Zammit [I.D. 395868]**

28 ta' April, 2017.

**Il-Qorti,**

**Rat li:**

1. Permezz ta' avviż ta' talba ppreżentat fit-30 ta' Ġunju 2014, il-kumpannija attriċi talbet lill-intimat iħallasha s-somma ta' tlett elef erba' mija u tlieta u sebgħin Euro u tlieta u sittin ċentezmu (€3,473.63) rappreżentanti l-ammont dovut bħala prezz għas-servizzi provduti minnha u l-spejjez relatati.

2. Permezz ta' risposta datata 18 ta' Lulju 2014, il-konvenut wieġeb:

> *"Fl-ewwel lok l-inkompetenza ta' dan it-Tribnual rationae valoris a tenur ta' artikolu 760.1 tal-Kap. 12;*
>
> *Mingħajr preġudizzju għas-suespost it-talbiet attriċi huma perenti a tenur ta' artikolu 2149.c tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*
>
> *Illi t-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għalhekk għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjes tal-preżenti u tal-kontro-mandat fl-ismijiet premessi."*

3. Permezz ta' Nota (fol.14), il-konvenut irtira l-ewwel eċċezzjoni.

4. Permezz ta' sentenza tal-25 ta' Frar 2015 it-Tribunal Għal Talbiet Żgħar iddeċieda illi is-servizz li tat is-soċjetà attriċi jaqa' taħt l-artikolu 2149(c) tal-Kodiċi Ċivili b'dan illi t-talba attriċi hija preskritta u ma tistax tiġi milqugħa. Inoltré, it-Tribunal sabha diffiċli jemmen li meta l-konvenut mar għand is-soċjetà attriċi kien għadu ma lestiex il-ktieb. Għal dawn il-motivi t-Tribunal ċaħad it-talba attriċi u llibera lill-intimat mill-ħlas mitlub. Spejjez jitħallsu mill-kumpannija attriċi;

5. Illi l-kumpannija attriċi appellat mid-deċiżjoni surriferita. L-aggravji tagħha jikkonsistu fis-segwenti:

A. *"Appell mid-digriet mogħti fis-6 ta' Frar 2015, ksur tad-dritt li jsir kontro-eżami u żbalji serji fil-proċedura inkluż l-ammissibilità ta' provi"*

Taħt din l-intestatura il-kumpannija appellanti tilmenta illi ġew leżi r-regoli proċedurali meta, fl-istadju meta l-provi tal-kumpannija attriċi kienu magħluqa, it-Tribunal ċaħad it-talba tagħha sabiex l-istess konvenut jiġi konfrontat b'dokumentazzjoni ġdida matul il-kontro-eżami bi ksur tal-artikoli 585 u 586 tak-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u l-prinċipji ta' imparzjalità u ekwità. Il-kumpannija appellanti tilmenta ukoll li t-Tribunal ħalla li jiġu eżebiti *'dokumenti legali mibgħuta bla preġudizzju'.*

B. *"Preskrizzjoni"*

Permezz ta' dan l-aggravju l-kumpannija appellanti tilmenta li t-Tribunal kien skorrett meta laqa' l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni a tenur ta' artikolu 2149(c) tal-Kodiċi Ċivili sollevata mill-konvenut in kwantu, skont il-kumpannija attriċi illum appellanti, il-preskrizzjoni applikabbli kienet dik a tenur ta' l-artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili;

6. Permezz ta' risposta ippreżentata fit-12 ta' Ġunju, 2015, il-konvenut appellat wieġeb illi s-sentenza appellata hija ġusta u timmerita illi tiġi konfermata għar-raġunijiet segwenti:

- Fir-rigward l-ewwel aggravju, filwaqt li huwa minnu li parti tista' tressaq dokumenti ġodda fi stadju meta l-provi ta' l-istess parti jkunu magħluqa, tali dokumenti m'għandhomx ikunu provi ġodda li setgħu faċilment ġew prodotti fl-istadju tal-provi tal-kumpannija attriċi. Illi b'hekk ma kienx possibbli f'dak l-istadju jiġu prodotti dokumenti li kienu fil-pussess tal-kumpannija appellanti sa minn qabel ma ġiet presentata l-azzjoni odjerna.

- Dwar l-allegazzjoni tal-kumpannija appellanti li d-*'dokumenti legali mibghuta bla pregudizzju',* ippuntwalizza li ma ġiet prodotta fl-ebda stadju xi tip ta' korrispondenza legali;

- Fir-rigward tat-tieni aggravju, l-kumpannija appellanti ma għandiex raġun għaliex il-preskrizzjoni indikata tirreferi għal negozju bejn kummerċjanti li hawn sikurament ma huwiex il-każ għaliex il-ktieb mertu ta' dawn il-proċeduri kien l-unika wieħed li kiteb tul ħajjtu kollha u għalhekk il-konvenut ma jistax jitqies kummerċjant;

7. Illi s-sunt tal-<u>fatti</u> li jirriżultaw mill-provi prodotti huma s-segwenti:

- **Joseph Mizzi**, azzjonist u direttur tal-kumpannija appellanti, xehed bl-affidavit illi l-għan tas-soċjetà appellanti huwa l-kummerċ fil-kotba li jikkonsisti f'xogħol ta' stampar u pubblikazzjoni u pubblikazzjonijiet oħrajn. Ix-xogħol li għamlet il-kumpannija attriċi għall-konvenut kien fuq ktieb li jismu '*L-Istorja tat-Tazza tad-Dinja*' u kien jikkonsisti f' '*alterations to text, page layout, and pagination*' biex imbagħad Midsea Books tkun tista' tippubblika u tbiegħ il-ktieb. Meta tlesta x-xogħol intbagħat lill-konvenut permezz ta' *pdf document* u mbagħad ħarġet il-fattura fl-ammont ta' €3,473.63[1]. Il-fattura intbagħtet lill-konvenut bil-posta reġistrata (**Dok JM2**).[2] Il-konvenut ġie ukoll interpellat għall-ħlas permezz ta' ittra uffiċjali datata 19 ta' Mejju 2014 (**Dok B**)[3] madankollu l-konvenut ma ħallasx. L-imsemmi *pdf document* kellu l-ktieb sħiħ bix-xogħol kollu li sar mill-attriċi. L-imsemmi *pdf document* ma kienx protett b'dan illi skont ix-xhud il-konvenut seta' jieħu t-test kollu minnu b'mod elettroniku. Skont ix-xhud, il-konvenut kien imbagħad mar għand kumpannija oħra jisimha *Horizon Communications Limited* (C57715) bil-*pdf document* u din il-kumpannija ippubblikat il-*pdf* bħala ktieb hi (**Dok JM3**).[4] Żied ukoll li l-attriċi ma tantx kienet kuntenta bis-suġġett tal-ktieb u lanqas bil-fatt li l-ktieb kien qiegħed jinkiteb bil-Malti u bdew għalhekk jippruvaw jipperswadu lill-konvenut biex ma jkomplix bil-proġett għax fil-fehma tal-attriċi kien riskjuż. Madanakollu, il-konvenut insista biex ikompli l-proġett u li kellu *sponsors* qegħdin jagħtu *support* finanzjarju. Kien għalhekk li x-xhud iddeċieda li Midsea Books ħa tkompli taħdem fuq il-ktieb.

- Xehed ukoll **Edwin Catania** permezz ta' affidavit, impjegat mal-kumpannija attriċi. Huwa xehed li kien l-aktar wieħed li għamel xogħol fuq il-ktieb u ħadem mill-qrib mal-konvenut. Tenna li meta tlesta x-xogħol kollu mitlub mill-konvenut, intbagħat lill-konvenut permezz ta' *pdf document* kif mitlub minnu u ħarġet il-fattura fl-ammont ta' €3,473.63. Skont ix-xhud, il-konvenut kien imbagħad mar għand kumpannija oħra jisimha *Horizon Communications Limited* (C57715) bil-*pdf document* u din il-kumpannija ippubblikat il-*pdf* bħala ktieb (**Dok EC1**).[5] Tenna ukoll li l-attriċi ma tantx kienet kuntenta bis-suġġett tal-ktieb u lanqas bil-fatt li l-ktieb kien qiegħed jinkiteb bil-Malti.

- Fl-udjenza tat-13 ta' Jannar 2015 xehdu bil-ġurament Joseph Mizzi in kontro-eżami u Ramon Zammit. Fl-istess udjenza s-soċjetà attriċi talbet li teżebixxi l-*pdf* bix-xogħol li għamlet, u t-talba ġiet milqugħa.

---

[1] Fol. 2.
[2] Fol. 24.
[3] Fol. 3.
[4] Fol. 25.
[5] Fol. 29.

- In kontro-eżami **Joseph Mizzi** xehed li l-konvenut kien kellmu bejn is-sena 2009 u 2010. Żgur kien qabel il-*World Cup* peress li l-ktieb kellu jkun lest qabel sabiex jinbiegħ fi żmien il-*World Cup* li kienet se tibda fit-12 ta' Ġunju 2010. Ix-xogħol li ġie ingaġġat mill-konvenut lill-attriċi kien xogħol ta' *proof reading, layout u ppaġnar.* Kien jonqos xogħol ta' tabelli min-naħa tal-konvenut. Ikkonferma li d-dokument forma ta' *pdf* li ntbagħat lill-konvenut m'huwiex il-ktieb komplut peress li l-konvenut kien lesta biss ħamsa u sebgħin fil-mija (75%) tax-xogħol. Ikkonferma li l-kumpannija attriċi lestiet ix-xogħol kollu li ġiet imqabbda tagħmel fuq dak il-ħamsa u sebgħin fil-mija (75%) tal-ktieb li ngħatat. Ikkonferma li d-dokument pdf mibgħut mil-kumpannija attriċi lill-konvenut kien *locked* fih inifsu. Peress li ma setax jagħmel aktar korrezzjonijiet il-konvenut talbu r-*raw file* liema talba ġiet rifjutata sakemm isir il-pagament hekk kif jirriżulta minn **Dok JM1**[6] li kienet l-aħħar email mingħand il-konvenut u għalhekk ma sarx xogħol ieħor fuq il-ktieb.

- **Ramon Zammit** in eżami xehed li ix-xogħol fuq il-ktieb ħadlu madwar tmien snin. Il-professjoni tiegħu għalliem tal-Malti. Peress li fil-ktieb hemm ukoll ritratti huwa xtara r'*rights* tagħhom biex ikun jista' jippubblikhom fil-ktieb. Dan il-ktieb kellu joħroġ qabel il-*World Cup* ċioé bejn Frar/Marzu 2010 sabiex jinbiegħ fil-furia ta' dak iż-żmien. F' Ġunju 2009 kien iltaqa' ma' Joseph Mizzi, rappreżentant tal-kumpannija attriċi, u għalkemm dan ma kellux fiduċja fil-ktieb irnexxielu jipperswadieħ u Mizzi bagħtlu biex jibdew jaħdmu. Kien għalhekk li għaddielu żewġ CDs, waħda bit-test kollu tal-ktieb u l-oħra bir-ritratti *high resolution*. Huwa ikkonferma li x-xogħol da parti tiegħu kien lest u kien jonqsu biss ix-xogħol tal-*proof reading* li kellu jsir mis-soċjeta attriċi. Wara l-*proof reading* jista' jsir xi tibdil żgħir ieħor fuq suġġeriment tal-*proof reader* stess kif fil-fatt ġara. Huwa xehed li s-soċjetà attriċi infurmatu li kien għadu wisq kmieni għall-printing u għalhekk ix-xogħol ma kienx se jibda mill-ewwel. Peress li ma jifhimx fil-*printing* u Mizzi aċċertah li kien se jkun lest qabel il-*World Cup*, ħalla f'idejh. Huwa xehed li rċieva *Chapter 1* minn dsatax-il kapitolu mingħand il*-proof reader* għall-ewwel darba permezz ta' email fis-16 ta' April 2010 tal-*email* u għamel referenza għal **Dok RZ6.**[7] Huwa xehed ukoll li bejn Frar / Marzu 2010, meta suppost il-ktieb kellu jkun lest, kien għadu qiegħed jiġi diskuss it-titolu tal-ktieb u irrefera għal **Dok RZ10**.[8] Ix-xhud irrefera għal **Dok RZ2**,[9] emails bejn Frar sa Mejju tas-sena 2010 lil Joseph Mizzi peress li beda għaddej iż-żmien. Huwa xehed li da parti tiegħu ix-xogħol kien lest mija fil-mija. Kien Mizzi li lesta biss ħamsa u sebgħin fil-mija (75%). Kienu waslu f'punt li kienu tard wisq

---

[6] Fol. 41.
[7] Fol. 70 li effettivament tirreferi għall-ewwel prova tal-Kapitolu 14.
[8] Fol. 76 minn fejn jirriżulta li dawn l-emails ġew skambjati f'Lulju 2009.
[9] Fol. 45 et. seq. tal-proċess.

għaliex il-*World Cup* kienet waslet biex tibda. Huwa ikkonferma li l-kumpannija attriċi qatt m'avżatu li l-ktieb kien lest għall-printing. Intalbet peró kwotazzjoni mingħand Gutenberg Press Limited (**Dok RZ9**)[10] datata 10 ta' Mejju 2010. B'referenza għal **Dok RZ3**[11] huwa xehed ukoll li kien Joseph Mizzi li ddeċieda li l-ktieb ma jinħariġx. Kompla jixhed li peress li l-ktieb ma nħariġx f'dak iż-żmien, u peress li lanqas *dummy* ma ngħatalu, tilef l-*isponsors.*

- Il-kumpannija attriċi ppreżentat ukoll *emails* immarkati **Dok MBL**[12] li permezz tagħhom ġew trażmessi d-dokumenti *pdf* lill-konvenut.

- Illi fl-udjenza ts-6 ta' Frar 2015 reġa' xehed **Ramon Zammit** in kontro-eżami. Huwa spjega li meta qal li x-xogħol kien lest mill-ewwel darba li kellem lil Joseph Mizzi fl-2009 kien qiegħed jirreferi għat-*text.* Mistoqsi jekk irċeviex email mingħand John Busuttil fejn saqsieħ għal *grey tables* kif ukoll għal kapitoli sittax (16) u tmintax (18) spjega li l-informazzjoni fil-*grey tables* kienet inkluża fit-*text*. Dwar il-kapitoli sittax (16) u tmintax (18) spjega li talabhomlu mhux għaliex ma kienux lesti u ntbgħatu lis-soċjetà attriċi qabel iżda peress li kien qiegħed jgħin fil-*proof reading* minħabba t-trapass ta' żmien. Mistoqsi dwar il-kapitoli mibgħuta f'April 2010 spjega li dawn kienu biss verżjonijiet aġġornati ta' kapitoli diġa' mibgħuta peress li kien għamel xi korrezzjonijiet. Minn naħa tiegħu x-xogħol kien lest iżda sa Mejju 2010 kien għadu la tlesta x-xogħol ta' *proof reading*, la x-xogħol ta' ddisinjar u lanqas l-impaġnar. Ix-xogħol ta' impaġnar sar fl-10 ta' Mejju 2010, ġurnata qabel ma ntalbet quotation mingħand Gutenberg.

- Fl-istess udejnza tas-6 ta' Frar 2015, il-kumpannija attriċi talbet li in vista tax-xhieda mogħtija mill-konvenut fl-eżami tiegħu fis-seduta tat-13 ta' Jannar 2015 jippreżenta dokumenti sabiex ikun jista' jiġi konfrontat bihom matul il-kontro-eżami. It-Tribunal ċaħad din it-talba in kwantu dawn id-dokumenti kienu fil-pussess tal-kumpannija attriċi fl-istadju tal-provi tagħha u fl-istadju tal-kontro-eżami għandu jsir biss il-kontro-eżami fuq dan li ntqal mix-xhud fl-eżami tiegħu mingħajr ma jiġu preżentati dokumenti ġodda.

- Il-kumpannija attriċi talbet permess tappella minn dan id-digriet liema talba ġiet miċħuda. Saret it-trattazzjoni u fl-udjenza sussegwenti t-Tribunal iddeċieda l-każ.

[10] Fol. 75 et. seq. tal-proċess.
[11] Fol. 62 et. seq. tal-proċess. Effettivament minn dan id-dokument jirriżulta li l-email intbagħtet minn Edwin Catania, rappreżentant ieħor tal-kumpannija attriċi mhux Joseph Mizzi.
[12] Fol. 79 et. seq. tal-proċess.

**L-Ewwel Aggravju.**

8. Fid-digriet tas-6 ta' Frar, 2015 it-Tribunal ċaħad it-talba tal-attriċi sabiex tippreżenta dokumenti li qalet li, *".... hija kardinali biex ikun jista' jiġi debitament miżmum l-istess kontro-eżami u li tikkontesta dak li xehed dwar l-istess konvenut fl-eżami"*. Ir-raġuni li ta t-Tribunal għad-deċiżjoni tiegħu hi:

> *".... li dawn id-dokumenti kienu fil-pussess tas-soċjeta attriċi meta kien fl-istadju provi tagħha u issa qegħdin fi stadju ta' kontro-eżami u dan il-kontro-eżami għandu jsir biss fuq dak li ntqal mix-xhud fl-eżami tiegħu mingħajr ma jiġu preżentati dokumenti ġodda"*.

9. L-ilment tal-appellanti hu li d-digriet tat-Tribunal jikser l-artikoli 585 u 586 tak-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u l-prinċipji ta' imparzjalità u ekwita'.

10. F'sentenza riċenti ***Wintrade Limited (C 5210) v. Aparthotels Limited (C 4224) et***, deċiża fit-30 ta' Settembru 2016, il-Qorti tal-Appell (Superjuri) qalet:

> *"f'din il-kawża hija* (l-attriċi) *ġia` kienet għalqet il-provi tagħha u b'dak li qed titlob tkun qed iddaħħal fl-atti tal-kawża dokument ġdid ...*
>
> *is-socjetà appellanti qagħdet tistenna d-depozizzjoni tax-xhud imsemmi u mbagħad bħal prestiġġatur toħroġ dawn it-tapes u tistenna li l-parti l-oħra ma topponix jew li l-Qorti tippermettilha tagħmel dan. Ċertament mhux mod dekoruż u leali li bih għandhom jiġu kondotti l-kawżi u kontra l-prinċipju tad-disclosure kif inkorporat fl-Artikolu 156(2) msemmi. Għandu jingħad li din l-użanza għandha tieqaf għaliex apparti kif ingħad li mhijiex mod leali kif jitmexxew il-proċeduri, hija waħda mill-kawżi għad-dewmien fil-proċeduri.*
>
> *Fil-każ in eżami, l-appellanti kien messha esebiet it-tapes in kwistjoni meta ippreżentat il-kawża. Mhix skuża li hija ma kenitx taf kif se jixhed Philip Rizzo ..."'*

F'dak il-każ l-attriċi kienet ukoll għamlet riferenza għall-artikli 585 u 586 tal-Kap. 12. Ovvjament kull każ għandu ċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu.

11. Fil-każ tal-lum din il-qorti hi tal-fehma li waqt il-kontro-eżami l-attriċi kellha jedd tagħmel riferenza għal dokumenti biex tikkontradiċi dak li qal il-konvenut waqt l-eżami. F'dan ir-rigward il-qorti tosserva kif:-

    i. Dwar il-meritu l-eċċezzjoni li ngħatat mill-konvenut hi: *"Illi t-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għalhekk għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż tal-preżenti tal-kontro-mandat fl-ismijiet premessi"*. Din it-tip ta' eċċezzjoni hi ferm komuni fi proċeduri ġudizzjarji. Eċċezzjoni vaga li tonqos milli

tidentifika b'mod ċar x'inhi d-difiza fil-meritu u fir-realta' tkun qegħda tagħti ċertu liberta lill-konvenut bil-mod kif imexxi d-difiża tiegħu peress li ma tiddentifika l-ebda kwistjoni ta' fatt u ta' liġi. Fil-fehma tal-qorti sa minn qabel ma jibdew jinstemgħu il-provi kull fejn tingħata eċċezzjoni bħal dik, qorti, bord jew tribunal għandha tiżgura li jiddikjara b'mod ċar x'inhuma l-kwistjonijiet ta' fatt u ta' liġi li fuqhom ikun qiegħed jibbaża l-eċċezzjoni. Fil-każ in eżami, kien meta l-konvenut xehed l-ewwel darba (13 ta' Jannar 2015) li wieħed seta' jibda jifhem x'kienet l-oġġezzjoni għat-talba tal-ħlas.

ii. Għalkemm it-Tribunal m'huwiex marbut b'xi proċedura speċjali, jibqa' l-fatt li l-proċedura għandha tkun waħda li tiggarantixxi li kull parti tingħata smigh xieraq. L-artikoli 585 u 586 tal-Kap. 12 huma prinċipji ntiżi biex toħroġ il-verita' u ssir ġustizzja.

iii. It-Tribunal iddeċieda mingħajr ma kien jaf x'inhuma d-dokumenti li l-attriċi riedet tippreżenta. Diment li dawk id-dokumenti kienu verament ntiżi biex jikkontradiċu dak li xehed Ramon Zammit fis-seduta tas-6 ta' Frar, 2015 allura kellhom jigu ammessi. Il-fatt li d-dokumenti kienu diga' fil-pussess tal-attriċi fl-istadju li għalqet il-provi, ma jfissirx li kienet prekluża milli tippreżentahom sabiex tattakka dak li xehed il-konvenut. Ovvjament, irid jiġi aċċertat li d-dokumenti verament ikunu qegħdin iservu sabiex jattakkaw lix-xhud u mhux bħala skuża komda sabiex jitressqu prova ġdida.

12. Il-kumpannija appellanti tilmenta ukoll li t-Tribunal ħalla li jiġu eżebiti *'dokumenti legali mibgħuta bla preġudizzju'.* Mill-atti ma jirriżultax li ġew eżebiti *'**dokumenti legali** mibgħuta bla preġudizzju'.* Effettivament l-korrispondenza li ġiet eżebita huma *emails* bejn il-partijiet li f'uħud minnhom hemm miktub 'bla preġudizzju'.

13. Inoltre, u f'kull każ, ma jirriżultax li quddiem it-Tribunal l-appellanti oġġezzjonat għall-preżentata ta' dawn id-dokumenti. Il-qorti żżid li kien ir-rappreżentat tal-appellant stess li ppreżenta *emails* skambjati bejnu u l-konvenut li intbagħtu *bla preġudizzju.*[13]

14. Għaldaqstant parzjalment tilqa' l-aggravju u tiċħdu fir-rigward tal-oggezzjoni relatata ma' dokument li ġew preżentati mill-konvenut.

**<u>It-Tieni Aggravju</u>.**

15. Permezz tat-tieni aggravju l-appellanti tilmenta li t-Tribunal kien skorrett meta laqa' l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni a tenur ta' artikolu

[13] Dok JM1 a fol. 41 et. seq. tal-proċess.

2149(c) tal-Kodiċi Ċivili sollevata mill-konvenut in kwantu, skont l-appellanti japplika l-artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili.

16. F'dan ir-rigward il-qorti ma' taqbilx mal-konklużjoni tat-Tribunal. L-artikolu 2149(c) jipprovdi:

> *'L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' sentejn:*
>
> *(ċ) l-azzjonijiet tal-avukati, prokuraturi legali, nutara, arkitetti u inġinieri ċivili, u persuni oħra li jeżerċitaw professjonijiet jew arti liberali oħra, għad-drittijiet tagħhom u għall-ispejjeż li jkunu għamlu;'*

17. Illi effettivament, kif jirriżulta mill-ġurisprudenza in materia, is-servizzi pprovduti mil-kumpannija appellanta ma jaqawx fil-parametri ta' din id-dispożizzjoni:

> *'la pubblicazione di detto dizionario é stata intrapresa dall'attore in associazione con altri; egli non puó quindi considerarsi come un tipografo esercitante un'arte meccanica: egli in vero non ricevette un incarico per dare alla stampa quel dizzionario, ma ha assunto di fronte ai suoi associati la incombenza di procurare la stampa e la distribuzzione dello stesso dizionario, e quindi l' attore faceva un' operazione commerciale perché dalla vendita dell'dizionario egli doveva ricevere un profitto; e quindi la prescrizione applicabile al caso é la quinquentinale e non gia di diciotto mesi'*[14]

18. Illi f'dan is-sens, fil-kawża fl-ismijiet ***John R. Portelli noe vs Fino & Sons Limited***, deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-7 ta' Ottubru 1997, il-Qorti qalet:

> *"Ikkunsidrat dwar il-preskrizzjoni l-oħra invokata mill-appellanti a tenur tas-subartikolu (c) tal-Artikolu 2149 tal-Kodiċi Ċivili. Is-sentenza appellata ukoll korrettement ikkunsidrat li s-serviġi reżi lis-soċjetà konvenuta ma jistgħux jiġu kkunsidrati li jekwivalu għal xogħol professjonali jew eżerċizzju ta' arti liberali fis-sens ta' l-artikolu 2149(c) kif joħroġ mill-elenku tal-professjonijiet li jissemmew f'dik id-dispożizzjoni. Kif sewwa ssottometta l-attur nomine appellat, is-soċjetà attriċi hija aġenzija ta' reklamar, hija magħrufa bħala service industry u la hija professjoni u lanqas artista. Hija timpjega nies oħra, bħal ma huma fotografi, peró s-servizz li toffri hi hu daka ta' reklamar u hija soċjetà kummerċjali. Fil-fehma tal-Qorti l-attività kummerċjali ma tistax tiġi kkunsidrata bħala professjoni jew arti liberali."*

19. Illi fil-każ odjern, għalkemm is-servizzi offruti lill-konvenut kienu jinkludu ingaġġ ta' terż għall-*proof reading*, l-għan prinċipali tas-soċjetà attriċi ingaġġata mill-konvenut kien li tippubblika u tbiegħ l-ktieb tal-konvenut. Attivita' kummerċjali li m'għandha x'taqsam xejn ma'

---

[14] ***Giovanni Magro vs Giuseppe Xuereb***, Appell, 7 ta' Frar 1934.

professjoni jew arti liberali. Eċċezzjoni ta' preskrizzjoni ma tiġix sollevata *ex officio*. Għalhekk m'huwiex il-kompitu ta' din il-qorti li tidentifika d-disposizzjoni tal-preskrizzjoni li japplika għall-każ in eżami.

**Għal dawn il-motivi:**

1. **Tilqa' l-appell u tħassar is-sentenza tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar tal-25 ta' Frar, 2015.**
2. **Tiċħad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.**
3. **B'applikazzjoni ta' dak li jipprovdi l-artikolu 8(4) tal-Kap. 380, tordna li l-każ jitkompla jinstema' minn din il-qorti.**

**Spejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut**.

Anthony Ellul.